## IŻ-ŻIFNA

Harġet tintlewa, togħla b'id miftuħa 'l barra, u ħelu ddur mal-mewġa u x-xejriet tar-ritmu: xagħarha sewdieni mkebbes minn fuq wiċċ bajdani u leħħet għajnejha tikbes u tixgħel.

Intfew id-dwal, u baqgħet hi weħidha tlebbet mad-dija u ddur imħarrka, maħruba miż-żmien u r-rabta, minsija, fid-dawrien mitlufa.

Kienet donnha ġmiel imxerred jew hena jfawwar — ħsebijiet kotrana jew lwien dawlija li jinħallu minn xulxin u fis jingħaqdu bħal ħolm bil-lejl, bħal imħabbiet meħlusa mir-rażan tal-ħars u tas-sens......

Hi waqfet f'daqqa u fuq il-ponot telgħet, b'għajnejha mxenqa u b'xofftejha mriegħda — kollha skiet u ħlewwa: it-talba tal-widien meta fl-għaxija jingħalaq il-ward leqqien u jongħos... it-tfajjel illi jħares b'mistoqsija... ir-ruħ qudd'em l-Ispirtu tal-Qdusija......

U reġgħet bdiet il-ġirja mad-damdin tat-tnabar; ħomor kienu l-ilwien, sewdiena sfiq id-dellijiet mudlama u l-wiċċ abjad jaqta' u jħuf......

Kiefra telgħu jdejha fi sbuħija u mellsu 'l ħaddejn, il-ġnub imfassla, l-irtuba mrogħxa taż-żgħożija mweġġħa b'tingiż l-imħabba......

U fl-aħħar il-qilla nfexxet: donnu l-inbid ħamrani ħareġ minn ġwiebi mirduma u qered kollox...... in-ngħas...... il-għeja... in-nifs...... u ħsibt li mhemmx waqfien.

Iżda waqfet u għabet. Mill-bogħod instama' bħal raxx ta' baħar jitkisser mal-blat u bħal tvenvin ta' riefnu mqit.

Oliver J. Gulia.

## LILL-BELT VALLETTA

*Idħlu bla ħoss f'dil-belt fejn l-isbaħ storja*
*Kitbu l-qalbiena b'demmhom fl-akbar glorja,*
*Fejn wera t-Tork, f'Sant Jiermu, qawwet driegħu,*
*Fejn rebaħ Dun Mikiel u sħabu miegħu.*

*Sellmu lil La Valette. Kbir u qalbieni,*
*Ħarrabhom lill-egħdewwa fuq ix-xwieni.*
*U waqqaf din il-Belt biex tkun setgħana,*
*B'San Ġwann u l-Bereġ kbar ta' Cassar tagħna.*

*Ja Belt muġugħa, qalb dal-kobor tiegħek,*
*Titfix il-krib ta' dawk li ssieltu miegħek*
*Fl-eħrex taqbida. Tħalli 'l ħadd itabba'*
*Ġieħ dawk li wrew lil Malta l-ogħla mħabba.*

*Belt ċkejkna b'isem kbir, int fost il-kbar*
*U tibqa', f'mewġ il-baħar, fuq is-swar!*

Dun Frans Camilleri